MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Avviz Numru. 2292/1998/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Evan u Carmen konjugi Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u disghin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm497.78) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru "sitta hamsa wiehed tnejn erbgha sebgha" (65147) skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond l-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta – l-antecausa tas-socjeta' attrici (ara Dokument A anness mal-avviz) bl-imghaxijiet mit-tmintax (18) ta' Lulju 1997 u l-

ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-tmintax (18) ta’ Lulju 1997.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Rat in-nota tal-istess socjeta attrici a fol 10 tal-atti u li biha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjes (ara ukoll fol 17 u fol 28 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, is-socjeta attrici permezz ta’ diversi noti, kienet cediet l-atti ta’ din il-kawza vis-vis il-meritu taghha u dan in vista li skond kif verbalizzat a fol 11 tal-atti, waqt is-seduta tat-18 ta’Settembru, “Il-partijiet informaw (lill-Qorti) li qabel ma gew notifikati (l-konvenuti) bl-avviz izda wara l-presentata tal-Avviz (l-konvenuti) hallsu s-sorte kollu u ghalhekk jidher li din il-Qorti ghandha tiddeciedi biss il-kap tal-ispejjes.

Illi, dwar dan il-kap, ghandu inghad illi, fir-rikors presentat fit-28 ta’ Novembru 2001 mid-difensuri tas-socjeta attrici, jinghad testwalment “…. Wara li saru l-verifiki mehtiega, huma gew inkarigati li jcedu anke l-kap spejjez li kien gie mizmum ferm meta saret l-ewwel nota ta’ ammissjoni u flimkien ma dan l-istess rikors qed ukoll tigi presentata tali nota”. Hu minnu li kif jidher mill-atti tali nota ma gietx presentata. Pero’ fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-istess rikors u dak premess fih, hu sufficjenti sabiex l-istess Qorti tikkonsidra illi l-atti ta’ din il-kawza gew ceduti mis-socjeta attrici anke in rigward il-kap tal-ispejjes (dwar dak li ghadu kemm gie premess ara fol 31 tal-atti).

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-avviz in esami u tiddikjara esawriti, il-proceduri in esami kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------